MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data: 7 ta' Jannar 2020** **Ref: DDLTS 1/2020**

**Għal: Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn: Direttur, Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett: SELFIE Sessjoni ta' Informazzjoni għall-Edukaturi**

---

Id-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali jistiednek tattendi sessjoni ta' informazzjoni/workshop dwar SELFIE nhar l-Erbgħa, 22 ta' Jannar, 2020 mid-9:00am sal-12:30am fiċ-Ċentru tal-Litteriżmu Diġitali, Triq Joseph Abela Scolaro, il-Ħamrun. Ikun ta' benefiċċju jekk dawk li se jkunu qed jattendu jġibu magħhom kopja tal-SDP tal-iskola tagħhom, u possibilment l-aħħar rapport tas-SELFIE li l-iskola għandha. Dawn se jkunu qed jiġu użati waqt is-sessjoni tal-workshop.

Is-SELFIE (Self-Reflection on Effective Learning by Fostering the use of Innovative Educational technologies) se tkun aċċessibbli għall-iskejjel kollha tal-Istat u Mhux Stat, għall-istudenti, l-edukaturi u kapijiet u asisstenti kapijiet sal-Ġimgħa, l-10 ta' April, 2020.

Huwa importanti li kull skola li se tipparteċipa taħtar koordinatur tas-SELFIE biex jirreġistra l-iskola, u jikkordina dan l-eżerċizzju ta' riflessjoni. **L-ittre ġeneriku tal-iskola** għandu dejjem jiġi fornit matul ir-reġistrazzjoni. Is-SELFIE se tgħin lill-iskejjel biex ikunu jafu aħjar fejn jinsabu fl-użu innovattiv tal-għodod diġitali fit-tagħlim. Aktar informazzjoni dwar ir-rwol tal-koordinatur tas-SELFIE tista' tinkiseb minn: https://ec.europa.eu/education/schools-go-digital/how-selfie-works/registration_mt

Digital Citizenship Education (DCE) tiffoka fuq l-iżvilupp tal-kompetenzi li l-istudenti għandhom bżonn biex ikunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ fis-soċjetà permezz tal-użu ta' teknoloġiji diġitali. Huwa rakkomandat li Digital Citizenship Education ma tkunx trattata bħala suġġett fil-kurrikulu iżda li tkun parti mill-kultura tal-iskola li tibbaża fuq valuri u atitudnijiet u mhux biss ħiliet tekniċi u tagħrif.

Din is-sessjoni ta' informazzjoni se tkun immirata biex tgħin lill-edukaturi jagħrfu l-importanza li l-iskejjel għandhom biex irawmu fl-istudenti tagħhom prattiċi ta' DCE ħalli jgħinuhom jagħmlu l-aħjar użu mit-teknoloġija għall-ġid tas-soċjetà.

Edukaturi interessati huma ġentilment mitluba japplikaw fuq https://bit.ly/2r6KU3k sat-Tlieta, 21 ta' Jannar, 2020.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom,

**Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**